MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2007

Avviz Numru. 206/2007

**J.M. Vassallo Vibro Blocks Limited (C-1677)**

**Vs**

**Marisa Muscat (ID 516473M)**
**u Eliseo Muscat Limited (C-32920)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) mhallsa lill-konvenuti mill-atturi bil-quddiem akkont prezz tax-xiri ta' *winch on pull line system*, liema bejgh baqa' ma giex konkluz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Marzu 2006, u bl-imghax legali min-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fl-10 ta' Settembru 2007 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,500.00,0 bl-imghax legali mit-12 ta' Lulju, 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Marzu 2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------